# MINUTI TAT-TMINTAX- IL SEDUTA

**Tkomplija tat-tmintax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema li nżammet nhar **il-31 ta' Mejju 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Viċi Sindku** Joanna Gonzi
**Il-Kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** Svetlana Curmi
**L-Uffiċjal** Althea Borg
**L-Accountant tal-Kunsill** Christian Vella

**Is-seduta bdiet fis-7.30pm.**

Il-laqgħa fetħet b'diskussjoni dwar it-tender tal-*fairy lights*.

**19.32hrs** - Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat.

1.1 Ġie maqbul li l-laqgħa li jmiss issir fit-3 ta' Ġunju, 2010 fil-5.30pm.

1.2 Il-Kunsillier Y. Cali qal li għandna nagħmlu l-bozoz u l-Kuntrattur jagħlaq it-trinka. Il-Kunsillier J. Galea qal li l-Kuntrattur għandu jkun imħarrek tali għamel xi ħaġa perikoluża. Il-Kunsillier M. Debono qal li la diġa tħallas għandu jagħmel ix-xogħol. Il-Kunsillier B. Cali qal li talanqas il-Kuntrattur m'għandux jieħu iktar ħlas. Is-Sindku N. Dimech qal li kellhom isiru s-siġar kollha inkluż dawk ta' ħdejn Cara's. C. Engerer qal li dawn is-siġar diġa suppost li kienu parti mill-ewwel fażi u m'għandux isir iktar ħlas. Il-Viċi Sindku J. Gonzi qalet li ma taqbilx li għandu jsir iktar xogħol.

1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel fażi tat-tender tispeċifika l-metraġġ li kellu jkun kopert jiġifieri 2600m u qalet li d-Dipartiment għandu jkun infurmat dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' dan it-*tender*.

1.4 Il-Viċi Sindku ssuġġerrit li għandu jintbagħat il-Contracts Manager biex jgħodd is-siġar. Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Konsulent fuq it-*tender* tal-*fairy lights*. Il-Kunsillier C. Engerer staqsa x'jinkorpora Phase 1.

1.5 ~~Il-Kunsillier J. Galea qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jitkellem mal-Konsulent.~~
1.5 Il-Viċi Sindku ma qablitx minħabba l-fatt li għaddejja l-investigazzjoni.

1.6 Il-Kunsillier P. Pace ried kjarifika dwar il-problemi fuq dan it-*tender.* Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li tkompla l-proġett mingħajr ma ħareġ tender u ħareġ id-*deposit*, u li l-BOQ ma kinitx tinkorpora *trenching works*

1.7 Is-Sindku N. Dimech ippropona li waqt il-laqgħa tal-Ħamis 3 ta' Ġunju, il-Konsulent ikun mistieden għal-laqgħa biex jagħti spjegazzjoni dwar it-*tender.* Il-Kunsillier J. Galea qal li għandu jkun id-Dipartiment għal Gvern Lokali li jitkellem mal-Konsulent u mhux il-Kunsill.

1.8 Il-Kunsillier C. Engerer qal li l-Kunsill huwa skopert b'iktar minn EUR10,000 għax inħareġ depożitu għat-tieni fażi. Kien hemm dibattitu jekk ix-xogħol fuq il-fairy lights għandux ikopri l-EUR96,000 tal-ewwel tender kif ukoll il-varjazzjoni ta' 20%, jew dak biss li kien miftiehem fit-tender.

1.9 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu jekk il-Kunsill jistax ikompli jagħmel xogħol li jkopri l-EUR96,000 u għalhekk jitkomplew ukoll is-siġar ta' ħdejn Cara's, inkella nagħmlux ix-xogħol skont l-ispecifications tal-ewwel tender u niefqu hemmhekk.

## 6. Analiżi tal-*Management Letter* mill-Awdituri

6.1 Is-Sur Christian Vella spjega punt punt il-Management Letter. Qal li hemm żewġ *qualifications* fl-*audit report* li mhumiex it-tort tal-Kunsill. L-ewwel waħda relatata mal-fatt li hemm kunflitt fl-*accounting standards* mat-template li qed jipproduċi d-Dipartiment biex joħorġu r-rapporti finanzjarji. It-tieni li l-Kumitat Konġunt dam biex ħareġ l-*istatement* tiegħu u allura ma stajnix niddeterminaw l-*income* tagħna.

6.2 Huwa qal li l-awdituri kkumentaw fuq il-*fixed assets* u deprezzament. Qal li l-Kunsill għandu inventarju aġġornat tal-assi kollha tal-Kunsill iżda l-awdituri qalu li sabu varjanza ta' EUR15, 000 li ma kinitx ġejja min-nuqqas tal-Kunsill imma mis-*software* innifsu li kellu *bug.* Din il-problema issa ġiet solvuta.

6.3 Dwar l-income, l-awdituri qalu li kellna parti mill-allokazzjoni li aħna ma daħalnijiex fil-kotba u li kienet ta' EUR2,620. Din kienet tirrappreżenta dik il-parti tal-allokazzjoni fuq il-*bring in-sites.* Huwa spjega li meta kien jaħdem l-accounts kien taħt l-impressjoni li l-Kunsill ma kellux *bring-in-site.* Is-Sur Vella qal li qed jaderixxi mas-suġġeriment li taw l-awdituri.

6.4 Dwar donazzjonijiet, l-awdituri ikkumentaw fuq tlett donazzjonijiet: waħda ta' EUR1,600 lill-Aquatic Sports Club, l-oħra ta' EUR1,165 lill-Balluta Band Club u EUR100 lill-Inspire Foundation. Fil-każ tal-Aquatic Sports Club il-Kunsill ma tax donazzjoni imma għin biex il-Klabb jinstalla xbieki bħala detterent għal bram u dan bħala parti mil-*beach allocation* li għandu l-Kunsill. Dwar il-Balluta Band Club u Inspire

Foundation qal li sar tibdil fil-liġi fl-1 ta' Novembru 2009, fejn il-Kunsilli mhumiex peermessi li jingħataw donazzjonijiet. Dan it-tibdil sar wara li ngħataw dawn id-donazzjonijiet.

6.5 Dwar il-*procurement procedures* ġabru kampjuni fejn qalu li l-Kunsill ma gabarx quotations. Il-kampjun li ġabru kienu dak fuq it-tiswijiet tal-funtana fi Ġnien Indipendenza u l-installazzjoni ta' *hand rails*. L-awdituri qed jissuġġerixxu li xorta irridu nitolbu *quotation* anke għal ammont inqas minn EUR1165. Spjega li ħafna drabi l-Kunsill ikun talab quotations, imma dawn ikunu ntalbu bit-telefon jew bl-email. Qal li dawn it-tip ta' *quotations* għandhom jintalbu in writing, kif diġa spjega lil Althea u lis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, u li jitwaħħlu mal-*purchase order* u jkunu ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv biex imbagħad il-lista ta' purchase orders titressaq quddiem il-Kunsill għal approvazzjoni.

6.6 Rigward cashflow: Kull skrivana izomm cashflow. Din għamilniha mhux b'kapriċċ imma għax minħabba l-euro changeover mhuwiex daqshekk faċli biex l-iskrivani jagħtu l-bqija. L-awdituri qed jgħidu li ma nistgħux naqbżu l-ammont ta' EUR233 bejn kulħadd għalhekk naqqasna l-ammonti bejn kulħadd u issa qegħdin *in regola*.

6.7 Dwar *staff parties*, l-awdituri ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm cirkulari maħruġa mill-OPM biex ma jsirux parties.

6.8 Rigward *internet banking* id-Dipartiment ħareġ Memo fejn qed jinforma lill-Kunsilli li ma jistax jintuża dan is-servizz biex isiru tranżazzjonijiet.

6.9 Dwar *creditors*, l-awdituri ġibdulna l-attenzjoni li l-Kunsill qed ikollu supplier statements neqsin, pero dan mhux nuqqas tal-Kunsill. Il-problema hi li xi suppliers li juża l-Kunsill m'ghandhomx *a proper accounting system.*

6.10 Rigward l-LES. Il-figuri fl-accounts tagħna *covered with a provision.* Kien hemm żmien fejn konna nimmaniġġjaw kollox aħna imma issa li qegħdin parti minn Kumitat il-flus ma jittieħdu kollha mill-Kunsill u barra minn hekk jekk iċ-ċitazzjonijiet ma jitħallsux il-Kunsill ma jieħux il-flus li jkun diġa ħaseb għalihom fl-*accounts*.

6.11 Qal li l-użu tal-internet banking għat-trasferiment tal-pagi fl-accounts tal-awdituri għandu jieqaf minħabba li d-DLG ħareġ MEMO fejn qed jabolixxi l-payments mill-*internet banking*. Il-Kunsill qabel kien jittrasferixxi l-flus tal-pagi. Is-Sur Vella ssigura li qatt ma kien hemm abbuż b'din is-sistema.

6.12 Rigward insurance, irridu noħorġu t-tender. Bħalissa għamilaG biss extension b'urġenza biex aħna nkunu covered jekk alahares qatt jiġri xi ħaġa. Se nieħu l-opportunita wkol li naraw x'assets għandna, u se nagħmel eżerċizzju dwar xi scrapjajna u hekk naraw x' equipment antic għandna. Skont l-awdituri aħna under insured.

6.13 Rigward l-aħħar punt. Dan huwa dwar xi ħaġa teknika dwar il-preżentazzjoni tal-Financial Statements. Is-Sur Vella spjega li hemm konflitt bejn il-metodu użat mill-

*accountants*, jiġifieri l-IFRS, u t-template użata mid-DLG. Imma qal li ħa jagħmel ħiltu biex il-Kunsill ikun konformi mal-IFRS.

6.14 Is-Sur Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħti l-go ahead tiegħu biex is-Segretarju Eżekuttiv tibgħat ir-rsiposta għal Management Letter kif spjeagta lill-Kunsill waqt din is-seduta. Spjega li bħalissa għaddej *mid-term audit* minħabba l-bidla fis-Segretarju Eżekuttiv fuq parir tal-Awditur Ġenerali.

6.15 Is-Sur Vella qiegħed ukoll fuq il-mejda tal-Kamra, l-expenses tal-upkeep u material fuq il-promenade kif kien ġie mistoqsi biex jagħmel mill-Kunsill.

**20.17hrs:** Il-Kunsillier P. Pace ħareġ mill-kamra.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**

3.9. Dwar xogħol ta' kostruzzjoni ġewwa Zimmerman Barbaro l-Kunsill qabel b'mod unanimu li ma jidħlux trakkijiet fuq iż-żona pedonali u għandha ssir *site-visit.*

**20.19hrs:** Il-Kunsillier P. Pace preżenti għal-laqgħa.

3.10 Ġiet ippreżentata korrispondenza mill-Onor. Robert Arrigo u mill-Avukat Peter Borg Costanzi dwar il-Barrels Bar. Il-Kunsill qabel li għandha terġa tintbagħat korrispondenza lill-MEPA minħabba l-fatt li l-Kunsill kien diġa kiteb lill-MEPA u oġġezzjona għal ftuħ ta' dan il-Bar. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha terġa' tintbagħat korrispondenza lill-MEPA u għandha tintbagħat korrispondenza lill-Onor. Arrigo u l-Avukat Borg Costanzi li l-Kunsill diġa kiteb lill-MEPA u se jerġa jibgħat *reminder* minħabba li sal-lum il-Kunsill ma sema xejn mill-MEPA.

**7. Affarijiet oħra**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li attendiet għal-laqgħa li saret id-Dipartiment tal-Artijiet dwar it-ticketing booths li hemm max-Xatt. Preżenti għal-laqgħa kien hemm uffiċjali mill-Korp tal-Pulizija u mill-MTA. Preżentament hemm 32 ticketing booth. L-Ispettur Micallef qed tissueġġerixxi li dawn jonqsu għal 12. Kien issuġġerit li l-MEPA għandha tkun involuta dwar l-ispecifications ta' kif għandhom ikunu dawn il-booths li qed jingħad li għal operator żgħir għandhom ikunu daqs ta' 1m b' 1m, waqt li għal operaturi kbar ikunu ta' 2m b'1m. Qed jiġl propost li operator ma jkollux iktar minn *booth* wieħed. Il-Kunsillier M. debono qal li l-Kunsill għandu jkun involut fid-diskussjonijeit. Is-Segretarju qalet li l-MTA għandha tagħmel rapport u tiċċirkolah ma' dawk li kienu preżenti għal-laqgħa. Spjegat li ġiet infurmata li l-art li fuqha hemm il-*booths* mhix tal-Kunsill iżda hija proprjetà tal-Gvern. Il-Kunsill huwa fid-dmir li jagħmel maintenance.

Is-Seduta spiċċat fit-8.30pm u aġġornata għall-Ħamis 3 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Curmi
Segretarju Eżekuttiv